**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 444/2018**

**Kawza Numru : 34**

**CZ**

**U**

**EZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet, datat 2 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu fl-14 ta' Awwissu 1982 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied li illum huwa t-tnejn maggorenni.*

*Illi l-partijiet kienu infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras ippubblikat fid-19 ta' Frar 2015 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument 'A').*

*Illi l-avukat ta' l-esponenti ddiskutew l-possibilta ta' rikonciljazzjoni u fornew l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin. Madanakollu m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-partijiet ikunu m'ghexux flimkien minn Jannar tas-sena 2014 u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Illi CZ tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe S*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi.*

*Tawtorizza lil CZ tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe S*

*Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzji tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EZ** xehed a fol 25 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-14 t'Awissu 1982 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt'itfal li llum il-gurnata huma maggiorenni. Xehed illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 19 ta' Frar 2015. Spjega illi l-partijiet kienu joqoghdu l-B u hu gie lura Malta fl-24 ta' Dicembru 2011. Zied illi l-ahhar darba martu kien marret id-dar kien fl-4 ta' Jannar 2014. Ikkonferma li bejn il-partijiet m'hemmx prospett

ta’ rikonciljazzjoni.

**CZ** xehdet a fol 27 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda ta’ EZ.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.***
***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta’ manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Frar 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, debitament awtorizzat mill-Qorti, vide Dok B, a fol 4 et seqq., u ilhom jghixu separatament minn Ottubru 2011 meta hija baqghet tahdem f'Lussimburgu u zewgha nizel Malta.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u wkoll tawtorizza lil CZ sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe S u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**